MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Appell Civili Numru. 32/2011/1

**Design Solutions Limited (C.16245)**

**Vs**

**(1) Direttur tal-Kuntratti**

**(2) Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Teknologija**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ghal ritrattazzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti u tal-Kunsill Malti ghax-Xjenza u t-Tekonolgija fejn huma ressqu talba ai termini ta'l-artikoli 811(e) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana sabiex tigi imhassra is-sentenza

moghtija minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta tad-29 ta' Novembru, 2012 fl-istess ismijiet u tordna ir-ritrattazzjoni tal-kawza.

Rat ir-risposta tas-socjeta ritrattata.

Semghet trattazzjoni.
Ikkunsidrat,

Illi b'deċiżjoni tal-Bord ta' Revizjoni Dwar il-Kuntratti Pubblici, gie michud l-appell tas-socjeta appellanti Design Solutions Limited. Aggravata b'dina d-decizjoni hija interponiet appell mill-istess u talbet lil din il-Qorti ta' revizjoni, kif diversament ippresjeduta, sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-22 ta' Awwissu 2011 tal-imsemmi Bord. Illi b'sentenza tad-29 ta' Novembru 2012, dan l-appell gie milqugh u is-sentenza appellata hawn fuq imsemmija tal-Bord irrevokata meta din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, irreteniet illi kellu jigi annullat l-process kollu tas-sejha ghall-offerti, ossija '*tender*' rigwardanti '*Services Tender for Architectural Works, including Design & Supervision, for the National Interactive Science Centre, Malta*, u ordnat li tali sejha ghall-offerti terga' issir mill-gdid u ordnat wkoll ir-rifuzjoni 'in toto' tad-depozitu maghmul a tenur tar-regolament 84(1) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza pprocedew quddiem din il-Qorti biex jitolbu li s-sentenza taghha moghtija fid-29 ta' Novembru 2012 tigi ritrattata a tenur tas-subinciz (e) u (l) ta' l-Artikolu 811 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Illi l-fatti li taw lok għall-kawża odjerna in succint isegwu:

Illi fit-08 ta’ Frar 2011 giet ippubblikat Sejha ghall-Offerti in konnessjoni ma’ xogholijiet li kellhom isiru fuq in-National Interactive Science Centre li kien qieghed jinbena. Illi s-socjeta ritrattata kienet wahda mill-konkorrenti f’dan il-process ta’ *tendering* fejn fost il-kundizzjonijiet imposti fit-*tender document* ma giex prekluz milli isiru xogholijiet ta’ *sub-contracting* mill-offerent. Gara izda illi fil-klawsola fejn l-offerent kellu jindika jekk kienx ser jiddelega ix-xoghol, u jekk fl-affermattiv, il-valur precentwali minn-nefqa totali irriservat ghal dan ix-xoghol ta’ sub-appalt, il-post fejn kellu jigi indikat il-massimu ta’ percentwali li kellu jigi accettat ghal dan ix-xoghol thalla vojt. Illi dan induca wiehed mill-operaturi ekonomici sabiex permezz ta’ ittra datata 9 ta’ Marzu 2011 jitlob kjarifika fejn staqsa jekk kienx hemm massimu ta’ persentagg permess ghal xoghol ta’ sub-appalt. Din it-talba saret ai termini tal-klawsola 11.1 tat-*tender document*. Wara dan id-Direttur tal-Kuntratti kien ippubblika *clarification note* ai termini tal-klawsola numru 11.2 tal-istess dokument fejn stabbilixxa illi il-massimu ta’ ammont permess ghal xoghol ta’ sub-appalt ma kellux jeccedi il-35% tal-valur totali tal-kuntratt. Ma hux ikkontestat illi din in-nota ta’ kjarifika giet notifikata lill-offerenti kollha, inkluz ghalhekk lis-socjeta ritrattata u dana qabel l-iskadenza ghas-sottomissjoni tal-offerti li kien gie iffissat ghall-05 ta’ April 2011. Wara l-gheluq tal-offerti u il-process ta’ l-evalwazzjoni sussegwenti, is-socjeta ritrattata giet mgharrfa illi l-offerta taghha ma setatx titqies billi il-persentagg totali tas-subappaltar kien jibzoq il-35% u ghalhekk l-offerta ma kenitx konformi mal-ispecifikazzjonijiet imfassla fit-*tender document*.

Aggravata b'din id-decizjoni, is-socjeta ritrattata ressqet appell quddiem il-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici fejn ilmentat illi l-offerta taghha ma setatx tigi rigettata billi ma kenitx tikkonforma ruhha mal-ispecifikazzjonijiet teknici u dana ghaliex ir-rekwiziti fit-*Technical Evaluation Grid* kienu kollha gew sodisfatti minnha u il-kwistjoni dwar ix-xoghol ta' sub-appalt ma kenitx inkluza fihom. Ghaldaqstant din ma setatx titqies bhala bazi fl-evalwazzjoni tal-ispecifikazzjonijiet teknici li saret. Il-kjarifika dwar il-persentagg permess in konnessjoni ma' xoghol ta' sub-appalt imkien ma specifikat illi din kellha tigi inkluza fit-*Technical Compliance Grid* u kwindi mhux bazi ghal rifjut. Illi sar appell ukoll fuq l-ammont ta' depozitu li gie mitlub mis-socjeta ritrattata in konnessjoni mad-dritt li kellu jithallas sabiex jigi imressaq l-appell taghha quddiem il-Bord, izda il-Bord cahad ukoll dana l-ilment billi irritena illi l-ammont ta' depozitu mitlub kien gustifikat.

Illi l-Bord cahad l-appell imressaq mis-socjeta ritratta u ikkonkluda:

***"The Board has no doubt that this clarification superseded any previous same subject matter. Furthermore, the phrase 'must not exceed' is more than amply clear that this requisite is compulsory and not subject to any other interpretation. Also, it is a fact that any clarification and any amendment to the original document, apart from forming an integral part of the tender document, is also binding on all participating tenderers. The board places emphasis on the fcat that one has to understand that a non-observance of a compulsory clause disqualifies a participating tenderer.***

***This Board argues that the reference made by appellant company as regard the fact that, according to the same company, the quantum (the subcontracting limit not exceeding 35%) was not verifiable in the absence of a given mechanism as to how to arrive at it is untenable."***

Aggravata ukoll minn din id-decizjoni is-socjeta ritratta interponiet appell quddiem din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fejn ilmentat illi id-Direttur tal-Kuntratti ma setax arbitrarjament jippubblika dokument ta' kjarifika u iqies l-istess bhala parti mit-*tender document* originali ghaliex dan wassal ghal nuqqas ta' trasparenza u certezza li trid il-ligi f'kull process ta' *public procurement*. Dan ghaliex din il-kjarifika ma kienet xejn hlief zieda ta' kriterju gdid wara li kienet giet ippubblikata is-sejha ghall-offerti, li mhux permess bil-ligi u fejn di piu' l-offerent li ma ikunx jissodisfa tali kriterju gie rez "*technically non-compliant*" u b'hekk gie skwalifikat bhal kif gara fil-kaz tas-socjeta ritrattata. Ilmentat ukoll illi gjaldarba ma kienx maghruf il-valur tat-tender fil-mument meta tressaq l-appell minnha quddiem il-Bord, hija ikkonformat ruhha ma' dak li jipprovdi ir-Regolament 84(1) tal-Avviz Legali 296 tal-2010 li jesigi li mal-appell ikun hemm depozitu ta' 1% tal-valur stmat tal-offerta kif maghmula mill-offerent, kif fil-fatt ghamlet is-socjeta ritrattata, u mhux tal-valur tal-kuntratt li sa dak iz-zmien kien ghadu mhux maghruf.

Illi din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, ikkonkludiet hekk dwar il-vertenza rimessa ghal gudizzju quddiemha:

*"Dan wassal sabiex fl-opinjoni tal-Qorti jindika li dak in-nuqqas u bil-klawsola kif proposta tindika li effettivament ma kienx hemm limitu ta' ammont fid-dokument tas-Sejha tal-Offerti ghal dak li kellu jkun subcontracting permessibbli, b'dan ghalhekk li meta saret dik li ssejhet bhala kjarifika, ma kienet kjarifika xejn ghaliex ma spjegatx rekwizit li kien gja ezistenti, izda fil-fatt holqot hija kwezit gdid f'dawk li huma l-elementi essenzjali tal-istess kuntratt u dan billi imponiet limitu ghall-ammont li seta' jigi sub-appaltat meta qabel ma kienx hemm. Allura dan ma huwiex element ta' kjarifika izda holqien ta' kwezit u element gdid li ma kienx parti mid-dokument originarjament mahrug u dan imur oltre minn dak li jista' jew setgha jsir skont l-artikolu 11 fuq citat ghaliex biddel il-kondizzjonijiet u l-elementi tal-offerta originali mahruga.*

*Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan huwa iktar serju meta dan gie ikkonsidrat mit-Tribunal bhala parti mit-Technical Compliance Grid, meta fil-fatt ma kienx u ma setax ikun ghaliex fid-dokument originali mahrug ma kien hemm ebda kwalifika dwar l-ammont li setgha jinghata f'subcontracting.*

*Izda mhux biss izda jidher li l-appellati jew almenu xi whud minnhom qed fl-opinjoni ta' din il-Qorti jikkonfondu flimkien l-element tat-Technical Compliance Grid lil n-non osservanza taghhom twassal ghall-eliminazzjoni taghhom mill-process tat-tendering, ghal dak li huma technical capacity li certament fil-bran citat fil-paragrafu 30.2 Part 2(ii) tas-Sejha tal-Offerti qed taghmel riferenza ghal dak li hija s-Selection Criteria, u ghalhekk din il-Qorti thoss li f'dan l-aggravvju l-appell huwa ben fondat u qed jigi milqugh."*

Illi anke it-tieni aggravvju gie milqugh billi gie deciz illi d-depozitu li kellu jithallas mal-prezentata ta'l-appell quddiem il-Bord, kellu ikun ta' 1% tal-valur tal-offerta sottomessa mis-socjeta u mhux il-1% tal-valur tal-kuntratt pubbliku kif rikjest mid-direttur tal-Kuntratti u allura id-depozitu kellu ikun fl-ammont ta' €7670 u mhux €10800.

Illi in segwitu ghad-decizjoni moghtija fejn allura giet annullata id-decizjoni tal-Bord ta' Revizjoni dwar il-Kuntratti Pubblici u il-process ta' aggudikazzjoni li kienet saret, b'ordni illi s-Sejha ghall-Offerti terga' issir mill-gdid, id-Direttur tal-Kuntratti u il-Kunsill Malti ghax-Xjenza u Teknologija tallbu illi s-sentenza tigi imhassar u l-appell jigi trattat mill-gdid u dan abbazi ta' dak dispost fl-artikolu 811(e) u (l) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Jinhass utili illi qabel ma l-Qorti tikkoncentra fuq il-motivi invokati ghar-ritrattazzjoni illi tissottolinea dan il-principju fundamentali li jirregola l-interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-istitut tar-ritrattazzjoni:-

***"Il rimedio della ritrattazione e' ammesso soltanto nei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge, dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita` del giudicato che sola puo` mettere fine alle lite" –*** **"<u>Giuseppe Luigi Bonnici – vs- Dottor Carlo Galea Naudi</u>",** Appell Civili, 3 ta' April 1922.

Inghad, imbghad, ukoll illi ***"r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta' indoli straordinarja, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta' interpretazzjoni strettissima. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza" –*** "**Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina –vs- Francesco Aquilina**", Appell Civili, 18 ta' April 1958.

Stabbiliti dawn il-principji generali li jirregolaw l-istitut ta' ritrattazzjoni, il-Qorti ser tghaddi biex tezamina serjatim l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom ir-ritrattandi qeghdin jitolbu is-smiegh mill-gdid ta' kawza li ghaddiet in gudikat.

Issa s-subinciz (e) ta' l-Art 811 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-ewwel subinċiż li fuqu r- ritrattandi qed jibbazaw t-talba ghas-smiegh mill-gdid jipprovdi illi tista' tigi milqugha talba bhal din "jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin".

Il-ligi fil-fatt timponi din il-limitazzjoni u tghaddi biex tiddefiniha bil-mod segwenti:-

"**Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit**

**fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni**".

**<u>F'Commonwealth Educational Society Ltd Vs Camilleri Adriana</u>** ġie ritenut illi l-kazistika taghna fuq din id-disposizzjoni hi wahda abbundanti u, kif ser jintwera, nkwadrata b'dawn ir-riflessjonijiet alkwantu restrittivi:

**(i)** ***"Hemm biss applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta' dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti, imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti"*** **– "<u>Carmelo Busuttil –vs- Mary Gauci</u>", Appell, 24 ta' Jannar 1997;**

**(ii)** ***Bhal fil-kaz prezenti, "ir-rikorrenti qeghda ssostni li hi l-konvinzjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero` mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b'mod hazin"*** **–** (**Vol LXXVI pII p196**; "**<u>Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe</u>**", **Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994).**

**(iii)** ***"L-ipotesi ta' applikazzjoni hazina ta' ligi tikkonkreta ruhha meta hemm vjolazzjoni manifesta tal-ligi, u mhix soggetta ghall-interpretazzjoni, razjocini jew argomenti***: **(Vol VII p526; Vol XXIX pI p795; "Dorothy Xuereb –vs- George Xuereb", Appell, 20 ta' Jannar 1982; "Fedele Dalli –vs- Coronate Sare`", Appell, 20 ta' Frar 1996; "Anthony J. Camilleri et –vs- Avukat Dottor Victor Ragonesi noe", Appell, 28 ta' Frar**

**1997 u "Joseph Tabone noe –vs- John Mousu' pro et noe", Appell, 12 ta' Dicembru 2001, fost bosta ohrajn)**

Imbagħad f'**<u>Difesa Joseph Vs L-Awtorita Ta' Malta Dwar L-Ambjent U L-Ippjanar, AĊ Nru 12/2003 datat 06/04/2003</u>** inghad:

***Huwa desumibbli minn dawn l-enuncjazzjonijiet illi hemm lok ghal smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe ligi minflok ohra. Tant hu hekk li l-ligi stess timponi bl-Artikolu 816 Kapitolu 12 illi fir-rikors tieghu r-ritrattand jispecifika liema ligi kien messha giet applikata mill-Qorti, u meta r-raguni hija applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messha giet applikata. Ara fost ohrajn sentenzi flismijiet "Joseph Micallef -vs- George Pavia", Appell, 5 ta' Frar 1993; "Vincenza Borg -vs- Giuseppe Giordmaina", Appell, 19 ta' Jannar 1996; "AIC Emanuel Zammit nomine -vs- Nazzareno Fenech", Appell, 30 ta' Gunju 1997;***

Ġie ritenut ukoll f'**<u>Philip Amato Gauci et vs Angelo Agius AĊ Nru 2177/1998 datat 24/111/2003</u>**

> ***L-accenni gurisprudenzjali fir-rigward ta' dan is-subinciz isegwu dan l-orjentament:-***
>
> ***(1) L-applikazzjoni hazina timmanifesta ruhha meta jkun hemm "la violazione manifesta di una legge espressa, chiara, non soggetta ad interpetazione, ne a raziocini o argomenti … ("Com. Francesco***

***Azzopardi –vs- Francesco Galea", Appell, 17 ta' Frar 1876; "Vincenza Borg –vs- Gisueppe Giordmaina", Appell, 19 ta' Jannar 1996 u "Maria Teresa Grech et –vs- Giljan Abela", Appell, 8 ta' Gunju 1999).***

***(2) "Che la Corte in un giudizio di ritrattazione, non puo` entrare, come nel caso di un regolare appello, ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia erroneo o meno; ma per vedere se via sia mala applicazione di legge deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata" – "Negte Giuseppe Vella Zarb –vs- Antonio Bartolo", Appell, 3 ta' Frar 1930).***

***(3) "A testimonianza del Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile, Vol IV para 1043) e' ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di una fatto dubbio o controverso, ossia i giudizi col quale il magistrato dato il tenore di un atto, interpreta la volonta` dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore sono giudizi sovrani del magistrato che statuisce sul merito, incensurabile in cassazione" – "Marchese Riccardo Cassar Desain noe et –vs- Giovanni Spiteri", Appell, 25 ta' Novembru 1927; "Negozjant Giuseppe di Ruggero Wismayer –vs- Giovanni Wismayer", Appell, 7 ta' Dicembru 1936***

***(4) Biex jigi eradikat id-dritt ghal ritrattazzjoni, ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu illi l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat***

***il-ligijiet tajba b'mod hazin – "Reginald Micallef et noe –vs- Godwin Abela et noe", Appell Kummercjali, 3 ta' Gunju 1994.***

Minn dawn il-principji legali stabbiliti b'certezza minn gurisprudenza kopjuza, jitwieled bhala fatt illi il-kompitu tal-gudikant fil-kawza ta' ritrattazzjoni mhuwiex illi jeżamina jekk il-fatti kif ġew stabbiliti u interpretati mill-Qorti tal-Appell, kienux żbaljati jew le, lanqas jekk il-ligi applikabbli gietx interpretata b'mod zbaljat mill-gudikant, izda l-kompitu taghha huwa illi tinvestiga jekk gietx applikata il-ligi il-hazina ghall-fatti dezunti quddiemha. Illi ir-ritrattandi jinsistu illi din il-Qorti kif diversament ippresjeduta ma imxietx ma' dak stabbilti fir-regolament 41(9) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u fuq l-indent 2 tal-Anness II tas-skeda 10 ta'l-istess Regolamenti. Dan ir-regolament jaghti il-jedd lill-Awtorita Kontraenti li taghti informazzjoni addizjonali dwar id-dokument tal-kuntratt. Huma jishqu illi huwa proprju dan li sehh f'dan il-kaz u dana meta l-offerenti kollha gew infurmati illi l-ammont ghas-sub-appalt ma kellux jeccedi il-35% tal-kuntratt, haga li ma gietx indikat originarjament fid-dokument tas-sejha. Inoltre jishqu illi l-Qorti kellha ukoll tapplika fid-decizjoni taghha il-principji generali imfassla fl-artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dana billi id-dokument tat-*tender* kien jaghti id-dritt fil-kalwsola numru 11 tieghu, lill-Awtorita Kontraenti taghti dawk l-ispjegazzjonijiet, taghmel dawk il-kajrifiki u sahansitra anke taghmel alterazzjonijiet fir-rekwiziti ta'l-offerta u ghalhekk gjaldarba l-operaturi kummercjali kienu qeghdin jaccettaw dawn il-kundizzjonijiet tas-sejha allura dak miftiehem b'applikazzjoni tal-principju ta' dritt hawn fuq iccitata fil-klawsoli tad-dokument kellhom ikollhom il-forza tal-ligi bejn il-partijiet.

Minn dan johrog ghalhekk illi r-ritrattandi qeghdin jilmentaw illi l-Qorti mhux applikat il-ligi il-hazina ghal kaz li kellha quddiemha, izda li injorat dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi fid-*decide* taghha, liema ligi kellha issib applikazzjoni ghal fattispecje tal-kaz. Illi din il-Qorti ma tarax illi r-ritrattandi ghandhom ragun fl-argumentazzjoni taghhom. Dan ghaliex din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta, fid-decizjoni taghha qabblet ma’ dan l-argument imressaq mir-ritrattandi fis-sens illi gharfet il-jedd tal-Awtorita Kontraenti li taghmel dawk it-tibdiliet u kjarifiki fit-*tender document* li huma necessarji sabiex l-opertaturi ikunu jistghu jifhmu ahjar l-ispecifikazzjonijiet marbuta mas-Sejha ghall-Offerti. Dan il-jedd ma giex michud fid-decizjoni impunjata. Dak li sahhqet il-Qorti,izda, kien illi dak li d-Direttur ritrattand isejjah kjarifika ghal kundizzjoni tas-sub-appalt, ma setatx tinghata din it-tifsira ghaliex bl-introduzzjoni taghha fl-ispecifikazzjonijiet teknici, iddahhlet kundizzjoni gdida fil-kuntratt pubbliku, kundizzjoni illi fis-sejha originali ma kenitx tezisti. Minn dan, kif ukoll minn qari tad-decizjoni impunjata huwa evidenti illi dak illi ghamlet il-Qorti kien illi tat interpretazzjoni ta’ dak li gie imsejjah “kjarifika” mill-Awtoritajiet Kontraenti f’dana il-kaz u mhux applikat xi ligi bi zball minflok ohra u dan sabiex wasslet ghad-decizjoni taghha. Id-decizjoni allura hija wahda ta’ interpretazzjoni ta’ fatt u mhux ta’ dritt billi il-kjarifika li saret giet mistharrga mill-Qorti u giet imfissra bhala kundizzjoni gdida fis-sejha ghall-offerti, konkluzjoni allura li ma tistax tigi midbula b’applikazzjoni ta’l-artikolu tal-ligi iccitata mir-ritrattandi.

Illi dak li jaghmlu r-ritrattandi, allura, meta jilmentaw illi il-Qorti naqqset milli tapplika id-disposizzjonijiet tar-regolament 41(9) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici u l-artikolu 992 tal-Kodici Civili, huwa illi iressqu argumentazzjonijiet li ghandhom il-bixra ta’ trattazzjoni mill-gdid ta’l-

interpretazzjoni ta' fatt b'referenza ghall-ligi applikabbli u xejn izjed. Illi s-sentenza impunjata itrattat fil-fatt dan il-gravam meta sahhqet illi b'dak li issejjah kjarifika wassal finalment sabiex zdiedet specifikazzjoni teknika gdida li in-nuqqas ta' adezjoni maghha setghet twassal ghall-iskwalifika mit-tellieqa ghal-aggudikazzjoni tal-kuntratt pubbliku. Din il-Qorti, allura, f'kawza ta' ritrattazzjoni hija prekluza milli tissindika dina id-diskrezzjoni moghtija lill-gudikant illi jaghmel interpretazzjoni tal-fatti ghall-ligi applikabbli. Is-smigh mill-gdid ta' kawża ma jinghatax fejn l-ilment tal-parti li titlob ir-ritrattazzjoni jkun dwar it-tifsira jew l-interpretazzjoni li l-Qorti (fis-sentenza attakkata) tkun tat lill-fatti li jirriżultawlha jew tal-ligi li tkun tghodd ghal dawk il-fatti. Ir-ritrattazzjoni tinghata biss meta ghal dawk il-fatti accertati, tigi mhaddma ligi li ma kinitx tapplika ghall-każ.

**"Illi l-funzjoni ta' kull Qorti li tinterpreta u tqis il-fatti li jirriżultawlha, flimkien mas-setgħa u d-dmir li tapprezzahom u tapplika għalihom il-liġi li tgħodd, huma l-qofol tal-eżerċizzju tagħha. Dan l-eżerċizzju jġib miegħu element ta' użu ta' diskrezzjoni raġunata li l-liġi espressament tagħti lill-ġudikant. Dwar dan l-eżerċizzju, ma jingħata l-ebda rimedju ta' ritrattazzjoni, u dan kemm jekk il-fehma raġonevoli li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun waħda oġġettivament tajba jew kif ukoll jekk ma tkunx. Dawn jikkwalifikaw bħala "*i giudizi sovrani del magistrato.***

**Illi wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-vjolazzjoni tal-liġi, li tfisser iċ-ċaħda diretta tal-preċett leġislattiv. Iż-żewġ ċirkostanzi m'humiex l-istess ħaġa u m'għandhomx jitħalltu bħallikieku ħaġa waħda. L-applikazzjoni tal-liġi ħażina sseħħ meta jkun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-fatti li jirriżultaw u l-liġi li kellha tapplika għal dawk il-fatti.**

**Illi bl-istess mod wieħed irid jagħraf bejn l-applikazzjoni ħażina tal-liġi u l-interpretazzjoni ħażina. L-interpretazzjoni jew it-tifsir tal-liġi hija wkoll waħda mill-attributi tas-sovranità tal-ġudikant u, bħala tali, m'hijiex suġġetta għar-ritrattazzjoni3. Għalhekk, biex tingħata rritrattazzjoni, irid**

**jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata u mhux li applikat b'mod ħażin il-liġi t-tajba li kienet tgħodd għall-każ.[1]"**

Ghal dawn il-motivi it-talba tar-ritrattandi kif ismejsa fuq din di-disposizzjoni tal-ligi ma tistax tintlaqa'.

Illi subordinatament ghal dan, ir-ritrattandi isejjsu it-talba taghhom ai termini ta**l-Art. 811 (l) tal-Kapitolu 12**. Is-subinciz (l) tal-Artikolu 811 jaghti lok ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza fil-kaz fejn is-sentenza ritrattanda kienet l-effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza.

Fis-sentenza **Fedele Dalli vs Coronato Sare`**, (Appell, 20 ta' Frar 1996), inghad illli *"**irid jinzamm ferm illi r-rimedju ta' ritrattazzjoni jirreferi f'dan il-kaz ghal procedura fl-istadju ta' l-appell u huwa f'dan l-istadju li ghandu jigi identifikat l-izball ta' fatt li allegatament jaghti lok ghal dan ir-rimedju**."*

***"l'errore di fatto perche possa aprire l'adito alla ritrattazione deve risultare dagli atti e dei documenti della causa, e deve essere un errore materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti e non relativo ai criteri o caretteri coi quali il fatto e` stato appreso dal giudicante … … L'errore di fatto deve inoltre trovarsi in rapporto di casualita` colla decisione, ed e` necessario che il fatto non abbia formato un punto contraverso e deciso colla sentenza impugnata".*** **(Vol XXIV pI p609 u Vol XXVII pI p433)**

[1] George Abela vs Joseph Cortis noe.et – App. Sup. 20/11/2008

**F' Palmar Limited vs Victor Ciantar (**App Ċiv 77/1998/2**)** imbagħad ġie ritenut:

***"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball, fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza.***

Għal din il-Qorti zball konsimili, kif rikjest mil-ligi, u kif definit u interpretat fid-dottrina u l-gurisprudenza ma huwiex ravvizat fil-fattispecje ta' dan il-kaz. Dan ghaliex ghalkemm it-titolu tad-Dokument mess in kontestazzjoni kien imsejjah bhala "**Clarification Note**", ma ifissirx illi l-Qorti ma setatx taghtih interpretazzjoni mod iehor minn dak li bih kien gie intestat. L-argument illi l-Qorti ma setatx tmur kontra l-intestatura tad-dokument, huwa bir-rispett kollu fallaci. Huwa proprju il-manzjoni ta' kull qorti u tribunal vestiti b'poteri aggudikattivi illi jaghtu interpretazzjoni lil kull prova ta' fatt kemm permezz ta' xhieda *viva voce* kemm permezz ta' provi dokumentali li huma rimessi ghal gudizzju taghhom fl-atti probatorji. Huwa biss b'tali interpretazzjoni imhollija fid-dikrezzjoni tal-gudikant illi l-Qorti tista' tasal ghal decizjoni fuq il-vertenza li tkun tinstab quddiemha. Illi kien proprju dan il-mertu ta'l-appell interpost mis-socjeta ritrattata bil-gravam illi dak li kien qieghed jinghata l-libsa ta' "kjarifika", fil-fatt kellu tifsira ohra u kien jimporta imposizzjoni ta' kundizzjoni gdida, kundizzjoni li setghet twassal ghall-iskwalifika mit-tellieqa fl-

aggudikazzjoni pubblika. Kwindi indubbjament anke it-talba ghal ritrattazzjoni tal-gudikat moghti minn din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta tad-29 ta' Novembru 2012, hija insostenibbli.

**"Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (*e*) tal-artikolu 811, li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti infushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant.[2]"**

Ghal dawn il-motivi t-talba tad-Direttur tal-Kuntratti u tal-Kunsill Malti ghax-Xjenza u Teknologija ritrattandi qed tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghhom.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] *Ibid*